## FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit***

**Rikors nru: 323/2017 CFF**

**ZAHRA CONSTRUCTIONS LTD**
**VS**
**BUZ DOV QUARRIES LTD**

**Illum 5 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-soċjetà' attriċi fejn talbet li s-soċjetà konvenuta tiġi kundannata tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' seba' t'elef seba' mija u sitta u disgħin Euro u erba' ċenteżmi (€7,796.04) jew somma verjuri li għandha tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, jekk hemm bżonn bl-għajnuna ta' periti nominandi, rappreżentanti l-prezz ta' xogħolijiet u servizzi mogħtija lilkom fuq struzzjonijiet tagħkom stess, kollox skont ma jirriżulta mill-*istatements* relattivi ġa fil-pussess tagħkom u hawn annessi u immarkati bħala Dok A.

Bl-imgħax u bl-ispejjeż inkluż tal-ittra uffiċjali tal-5 ta' Settembru 2017, kif ukoll dawk tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontra s-soċjetà intimata li minn issa tibqa' inġunta għas-subizzjoni tagħha.

Rat **ir-risposta tas-soċjetà konvenuta Buz Dov Quarries Ltd** fejn esponiet:

1. Illi s-soċjetà esponenti m'hix taqbel mal-konteġġi tas-soċjetà attriċi dwar l-ammont dovut lilha u għaldaqstant, f'dan l-istadju, ma tistax taqbel mat-talba attriċi kif dedotti;

2. Salv eċċezzjonijiet oħra.

**Pauline Caruana** fl-affidavit tagħha qalet li hija tieħu ħsieb l-accounts tas-soċjetà attriċi waqt li s-soċjetà konvenuta kienet klijenta tagħhom. Għalkemm

kienu bagħtu invoices lis-soċjetà konvenuta ta' materjal li kien inxtara għal skop ta' kostruzzjoni baqgħu ma ħallsux. Illi għalhekk qiegħed jintalab il-ħlas li huwa dovut ta' seba' t'elef seba' mija u sitta u disgħin Euro u erba' ċenteżmi (€7,796.04).

**Andre Zahra** qal li huwa direttur fi ħdan is-soċjetà attriċi waqt li l-istess soċjetà konvenuta kienet ħadet xi materjal u minħabba li ma baqgħetx tħallas ma baqgħux jagħtuha xogħol. Għalkemm prova jagħmel kuntatt ma' wieħed mis-sidien tas-soċjetà konvenuta l-affarijiet ma nbidlux. Kien għalhekk li kienu bdew dawn il-proċeduri kontra s-soċjetà konvenuta.

**Ikkunsidrat**

**Il-Kwistjoni bejn il-partijiet**

Illi dan il-każ huwa dwar materjal ta' kostruzzjoni li kien inghata lis-soċjetà konvenuta però gara li ma baqgħetx tħallas għalih. Illi għalkemm kienu bagħtu diversi *statements* xorta waħda s-soċjetà konvenuta ma ħallset xejn minn dak li kien dovut. Illi l-istess Pauline Caruana ikkonfermat bil-ġurament tagħha li għad baqa' ammont x'jithallas fis-somma ta' seba' t'elef seba' mija u sitta u disgħin Euro u erba' ċenteżmi (€7,796.04). Illi minn naħa tal-istess soċjetà konvenuta ma resqet l-ebda prova kuntrarju għal dak li qiegħed jiġi mitlub mis-soċjetà attriċi.

**Provi u Rizultanzi**

Jiġi osservat li huwa prinċipju ġuridiku stabbilit li l-attur li jallega d-debitu għandu fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li jipprova l-kreditu minnu vantat. Inkella, fin-nuqqas li jagħmel dan, jibqa' jimpera l-prinċipju *'actor non probante, reus absolvitur.* Illi l-kwistjoni kollha hija fuq dak li xehdu l-istess Pauline Caruana u Andre Zahra. Illi kif diġà ingħad l-istess soċjetà konvenuta ma resqet ebda prova għal dak li hija stess qalet fir-risposta tagħha fejn eċċepiet li ma kienitx qegħda taqbel mas-somma li kienet qegħda tiġi mitluba.

Mill-assjem tal-provi li ġew prodotti, il-Qorti tqis li mix-xhieda tas-soċjetà attriċi kif ukoll mill-istess dokumentazzjoni, l-ammont minnha pretiż huma dovuti mis-soċjetà konvenuta.

Illi ta' min jinnota wkoll li f'dawn il-proċeduri ma ġietx preżentata kopja tal-istess ittra uffiċjali fejn qiegħed jintalab għal-istess spejjez tagħha jew inkella tal-mandati.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi:**

1. **Tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta hija dovuta lis-soċjetà attriċi s-somma totali ta' sebat elef seba' mija u sitta u disgħin Euro u erba' ċenteżmi (€7,796.04), rappreżentanti l-prezz ta' xogħolijiet u servizzi mogħtija lis-soċjetà konvenuta;**

2. **Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjeta' attrici l-bilanċ imsemmi ta' sebat elef seba' mija u sitta u disgħin Euro u erba' ċenteżmi (€7,796.04), bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjeż tal-kawża għandhom jkunu a karigu tas-soċjetà konvenuta.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**

**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**